MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 10

20 ta' Frar 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P. Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.37pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur John P. Bonnici li kien jinsab indispost.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija tas- Sur John P. Bonnici li kien jinsab indispost

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 9 ġew approvati.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 *Life Charity Foundation*

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand is-Sur Leslie Spiteri. Qal li dan bażikament is-soltu il-Kunsill jixtri package, ikun speċi ta' *sponsorship* u li din is-sena reġgħu bagħtu lill-Kunsill biex jgħin bl-irħas *package* jibda minn €300. Il-Life Charity Foundation tgħin fil-*cancer research.* Hu issuġġerixxa, jekk huma jaqblu li jagħtu €300 kif għamlu dan l-aħħar sentejn. Kulħadd qabel.

10.3.2 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal li fl-uffiċċini l-ġodda mexjin imma kien hemm naqra ta' ntopp minħabba li l-bibien t'isfel riedu jsiru l-*fire doors.* Għalkemm dawn il-bibien ma jiffurmawx parti mill-binja li qed jikri l-Kunsill, huma qegħdin fl-entratura li tagħti għat-taraġ u grada ta' fuq. Hu qal li tkellem mal-klabb u dawn irreferew li m'għandhomx flus imma li l-barman tal-klabb xtaq jibdel il-bibien u għalhekk qed jikkusidraw jaraw jitħallsux minnu. Is-Sur Cordina qal li l-kuntrattur tal-binja offra li jġibhom hu imma is-Segretarju Eżekuttiv qalet li b'xi mod ħa tipprova tniżżilhom hi.

10.3.3 *Ġnien il-Palma*

Is-Sur Cordina qal li nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar fin-12:30 il-Ministru Dalli se żżur Ġnien il-Palma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Ministru qed iżżur diversi siti fejn il-ġimgħa l-oħra żaret is-*substation* tal-flats tal-Gvern.

10.3.4 *Suġġeriment*

Is-Sur Cordina qal li deher artiklu fuq il-Malta Today rigward il-brick plant tal-barriera tal-Bilven. Hu propona li ssir laqgħa bejn il-Kunsill Lokali Ħ'Attard u dak ta' Ħaż-

Żebbuġ fejn jiddiskutu l-aħjar possibilitajiet sabiex ikun hemm bażi soda fuq x'hiex jiddiskutu l-applikazzjoni sabiex isir *brick plant* ġdid u tiġi riabilitata l-barriera. Fil-frattemp se ssir oġġezzjoni min-naħa tal-Perit tal-Kunsill.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.4.1 Dr. Helen Caruana

- Tkellmet fuq it-triq li ġejja mill-Pama li tinferaq bejn side road u main road u naturalment biex jaqbżu t-traffiku il-karozzi qegħdin jiddevjaw lejn is-side road b'periklu kbir. Dan apparti li bil-lejl ma tidhirx. Is-Sur Cordina qal li Infrastruttura Malta kellha tkompli xi tabelli f'din it-triq. Kompla jgħid li fil-każ irrimarkalhom biex din il-biċċa issa centre strip tinżebaħ.

10.4.2 Dr. Martin Musumeci

- Tkellem ukoll fuq l-istess ħaġa fejn qal li rċieva imejl mingħand ħabib tiegħu nirrimarkalu liż-żona intelqet bi ftit żebgħa ħamra u xejn iktar. Hu kompla jgħid li t-tnaqqis tal-parking spaces ma niżilx tajjeb mar-residenti tal-madwar. Kompla jgħid li ż-żona tnaqqsila l-parking sabiex garaxx kummerċjali fl-area jkollu iktar aċċess liberu biex idaħħal il-merkanzija. Sur Cordina rribatta li ġaladarba dan is-sinjur semma li hemm ħafna residenti jilmentaw, niġu f'dan kien hemm iktar residenti li lmentaw minħabba l-parking diżorganizzat li kien hemm qabel. Hu spjega wkoll kif it-traffiku kien jgħaddi minn din iż-żona.
- Staqsa wkoll jekk kienx hemm xi PA permit li kien jinkorpora fih iktar parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fiż-żona kien sar traffic management plan sabiex l-aħjar disinn tal-area jiġi attwat.
- Fakkar fuq Emmanuel Mifsud u l-attività li hu xtaq jagħmel il-librerija dwar qari ta' poeżiji. Għandu jfakkru iktar il quddiem u jsibu ġurnata.
- Talab biex iż-żebra crossings fi Triq il-Pitkali jsiru *raised.* Is-Sur Cordina qal li jiftakar sew li n-nies kienu talbuhom u ftit wara li għamluhom peress li kienu *raised* u kienu jagħmlu ħafna storbju, kellhom inneħħuhom. Qal li ħdejn il-pet shop hemm waħda imma mhux bħalma kienet qabel. Kompla però li hemm bżonn issir waħda ħdejn id-dar tal-anzjani ta' Santa Katerina. Ġie deċiż għalhekk li jaraw jekk iż-żebra crossing eżistenti ħdejn l-isptar Santa Katerina tistax issir humped.

10.4.3 Dr. Ralph Cassar

- Ressaq ilment li sarlu mis-Sur Godfrey Camilleri rigward tabelli tat-toroq li mhumiex fil-post fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Is-Sur Cordina qal li mingħand is-Sur camilleri irċieva miżibilju ta' emails. Qal li jinsab verament diżappuntat li bagħat lilu biex jiddiskredita lilu miegħu. Dr.

Cassar qal li miegħu ma ġiex iddiskreditat. Qal li bil-liġi dawn it-tabelli iridu jeħlu mingħajr oġġezzjoni tar-residenti. Fuq dan il-punt is-Sindku ma qabilx imma diskussjoni ma ġietx approfondita. Se jsiru bil-mod il-mod.

- Staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tfittex l-esebizzjoni tal-gwerra l-antika forsi April jew Mejju din terġa' ssir. Is-Sur Remigio Bartolo issuġġerixxa li din issir f'Marzu meta jiġu t-taljani min barra.
  Semma l-Fierambjent li għalkemm għad fadal ħafna għaliha it-tema din is-sena se tkun iskart elettroniku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi u s-Sinjura Fsadni diġà bdew jaħdmu fuq xi posters u leaflets biex idaħħluhom ma' tal-Iffjurit biex parti mill-ispejjeż tal-fiera ambjent ikunu diġa daħlu ma' tal-iffjurit. Qalet ukoll li Reġjun ħa jissupplixxi xi pjanti u arbuxelli biex dawn ikunu jistgħu jitħawlu fis-centre strip ta' Triq Santa Katerina.
- Fakkar fit-toqob tal-ħajt mal-industrial estate fi Triq il-Linja biex tinżera' il-liedna.

Is-Sur Paul Ciantar

- Saqsa fuq il-*culvert* ta' Triq il-Mosta minħabba li qed jisfronda. Is-Sur Cordina wieġeb li qed jistennew risposta minn Infrastructure Malta minħabba r-rati tad-DPF. Il-kuntrattur ma jixtieqx jaħdem ix-xogħol bir-rati 2020 u dan għaliex wara l-covid il-prezzijiet splodew.

## 10.5

### 10.5.1 Rapporti

**Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji mhux Awditjati 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-Estimi Finanzjarji tas-sena l-oħra hemm telf ta' €187,076. L-ammont hu kompost minn €39,330 deprezzament, żieda fil-manutenzjoni ta' €17,878, ir-rimi tal-iskart bis-€60 it-tunnellata flok €40 it-tunnellata irriżulta f'żieda ta' €54,146, fit-tindif tat-toroq kien hemm żieda ta' €26,832, hemm żieda fuq il-Contract Management u perizja marbuta mal-Information Centre minħabba li nġabru l-invoices kollha mal-għeluq tal-proġett u l-kapitalizzazzjoni tiegħu, żdiedu s-servizzi komunitarji meta ġie ntrodott il-vann b'żieda ta' €18,516, l-inawgurazzjoni tal-Info Centre li swiet €16,482, żieda fis-salarji ta' € 37,019 fejn impjegat minnhom tela' minn skala 16 skala 12, impieg ta' full timer u part timer l-Info Centre, u l-overtime kollu assoċjat maż-żieda t'attivitajiet matul din is-sena. Fil-fatt €7500 minn dawn is-salarji marru overtime fuq attivitajiet ġodda bħal FierAmbjent, il-Mixgħela, l-inawgurazzjoni tal-Info Center fejn spjegat li ħafna mill-overtime fil-fatt kien qiegħed fuq is-Sur Arthur Caruana li għamel ġranet sħaħ jaħdem xi dawl hemmhekk.

| | 2024 | 2023 | Movement |
|---|---|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | | | |
| Public propery (and utilities) | 3,037 | 2,920 | 117 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Road/street pavements | 30,019 | 12,141 | 17,878 |
| Signs | 10,432 | 14,341 | 3,909 |
| Road Markings | 717 | 539 | 178 |
| Council property | 150 | 55 | 95 |
| | **44,356** | **29,996** | **14,360** |
| | | | |
| **Contractual Services:** | | | |
| Waste disposal | 140,941 | 86,795 | 54,146 |
| Refuse collection | 73,726 | 71,657 | 2,069 |
| Bulky refuse collection | 21,240 | 21,338 | - 98 |
| Hiring of skips - Bins on wheels | 5,157 | 4,702 | 455 |
| Cleaning services | 1,320 | 1,080 | 240 |
| Road and Street Cleaning | 226,888 | 200,056 | 26,832 |
| Cleaning and Maintenance Non-urban areas | 18,741 | 16,489 | 2,252 |
| Cleaning - Public conveniences | 13,529 | 13,477 | 52 |
| Cleaning and Maintenance - Parks & Gardens | 41,368 | 36,019 | 5,349 |
| Cleaning and Maintenance - Soft Areas | 8,213 | 16,413 | -8,200 |
| Street lighting | 6,122 | 14,443 | -8,321 |
| Experts | - | 472 | - 472 |
| Lease of equipment | 3,424 | 1,819 | 1,605 |
| Insurance | 11,245 | 8,616 | 2,629 |
| Bank charges | 1,586 | 1,344 | 242 |
| Contract and project management | 15,227 | 5,551 | 9,676 |
| Community services | 30,853 | 12,337 | 18,516 |
| Social events | 7,331 | 12,031 | - 4,700 |
| Cultural events | 7,486 | 4,986 | 2,500 |
| Donations | 2,300 | 1,400 | 900 |
| Local enforcement expenses | 3,770 | 1,041 | 2,729 |
| | **640,468** | **532,066** | **108,402** |
| | | | - |
| **Total Operations and Maintenance Costs** | **684,824** | **562,062** | **126,694** |

| | **2024** | **2023** | - **Movement** |
|---|---|---|---|
| **Administrative expenses** | | | |
| Utilities | 8,970 | 16,535 | -7,565 |
| Other repairs and upkeep | 4,627 | 14,223 | -9,596 |
| Rent | 16,700 | 12,610 | 4,090 |
| National and International Memberships | 55 | 55 | - |
| Office services | 12,334 | 11,386 | 948 |
| Transport | 13,835 | 10,384 | 3,451 |
| Information services | 3,096 | 111 | 2,985 |
| Professional services | 38,741 | 22,259 | 16,482 |
| Entertainment | 53 | 1,150 | -1,097 |
| Bad debts written off | - | 916 | - 916 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Increase in provision for bad debts | - | -816 | 816 |
| Depreciation and amortisation | 109,960 | 70,630 | 39,330 |
| **Total** | **208,371** | **159,443** | **48,928** |
| | | | |
| **Salaries** | **276,483** | **239,464** | **37,019** |
| | | | |
| **Total expenses** | **1,169,678** | **960,969** | **208,709** |

Is-Sur Mangion saqsa jekk il-Kunsill żdiditlux l-allokazzjoni? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iva kien hemm żieda fl-għotja ta' flus (*income)* u minħabba din iż-żieda li t-telf ma kienx ikbar.

L-estimi finanzjarji ġew approvati.

## 10.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 10.6.1 Ingaġġ ta' Handyman Skala 16 *Full Time*

Is-Sur Cordina qal li l-ġimgħa l-oħra hu, Dr. Caruana u s-Sur Bartoloa għamlu l-*interview* ta' dik il-persuna li applika għall-post ta' *handyman*, l-impjegat li kellu jagħmel xogħol ta' *maintenance*. Hu qal li huma prattikament imxew billi l-ewwel fetħu l-applikazzjoni għall-Kunsilli Lokali kollha imma ma kienx hemm response, imbagħad skont il-liġi marru Jobs Plus fejn f'Part One, f'Part Two u f'Part Three kien hemm tnejn imma dawn ma bagħtux is-CV. Qal li kellha toħroġ *external call* u applikat persuna waħda fejn saritilha l-interview. Hu kompla jgħid li kien hemm il-kollegi miegħu u fl-opinjoni tagħhom, hu talab biex jekk iridu jgħidu xi ħaġa huma wkoll, it-talbiet neċessarji li għamlu huma, biex ikun jista' jista' jaħdem magħhom ġew issodisfati għax kellu r-rekwiżiti kollha. Dan il-ħaddiem jismu Christopher Deguara. Kulħadd qabel.

### 10.6.2 Approvazzjoni ta' stimi SPI SCI 02 2024 - Appendici I - Finanzjamenti - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-iskema tinkorpora fiha l-ispejjeż kollha sabiex sar il-lift fl-uffiċini l-ġodda. Hi qalet li ġabret l-ispejjeż kollha abbinati mal-bini tal-bokka tal-lift, li ħafna minnhom kienu diġà ddiskutewhom Kunsill u li ħa semmihom kif ġejjin biex jiġu *claimed*:

| **Job Description** | **Quotation 1** | **Quotation 2** | **Quotation 3** |
|---|---|---|---|
| Roof Terrace | Leonard Saliba - €8,000 | AM Projects -€8,500 | Hussein - €12,267.85 |
| Travertin | Edcam Marble and Granite -€ 7,986 | | |
| Stairs (armar, xibka, hadid, konkos kisi) | JLR Construction - €5,000 | J.Grima - €5,239.20 | Grima Concrete Suppliers - €5,324 |
| Lift (kisi u tqegħid tas-saqaf) | J.Grima - €4,530 | Grima Concrete Suppliers - €4,625.60 | JLR Construction - € 4,720 |
| Art tal-Konkos lift, bini ta bricks ta` 9 mimli konkos | Grima Concrete Suppliers - € 4,630 | JLR Construction - € 4,861 | J.Grima - €4,968.98 |
| Lift | Topserv Gozo LTD - € 26,549 | | |
| Works on Roof Membrane | Adham Bakko - € 5,435.08 | Houssin Almisto - €5,900 | Hkmat Alafraai - € 5,929.50 |
| Gypsum works and paint | Hkmat Alafraai - € 3,717 | Adham Bakko -€ 4,012 | Houssin Almisto - € 4,130 |
| Painting of staircase and other works | Houssin Almisto - € 3,958 | Hkmat Alafraai - € 4,401.40 | Adham Bakko -€ 4,720 |
| Furniture for Mayor`s Office | Camray Co LTD - € 5,451.60 | MC Design and Build LTD - € 5,547.18 | Medalls LTD - € 6.009.74 |
| Media Room (Part 1) | MC Design and Build LTD - € 5,728.90 | Camray Co LTD - € 6,373.18 | ABRA MC Group -€ 6,611.54 |
| Media Room (Part 2) | ABRA MC Group -€ 5,707.90 | MC Design and Build LTD - € 6,035.74 | Camray Co LTD - € 6,077 |

Dr. Cassar saqsa jekk hux se titħallas kera fil-post il-ġdid. Is-Segretarju qalet li titħallas fuq iż-żewġ postijiet minħabba li fejn qed jirranġaw għaddew is-sentejn li kienu free.

Fil-każ tal-kwotazzjonijiet ġew magħżulha dejjem l-irħas.

Il-kwotazzjonijiet tas-CCTV's ta' ġewwa u 2 barra, il-PABX U WIFI u upgrade tas-CCTV ta' barra intgħażlu l-irħas u kienu kif ġejjin:
Connected €2840.26
Telecom €5822.00
Techpoint €5241.97

Dawn il-kwotazzjonijiet ġew approvati.

10.6.3 **Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali fit-23 ta' Jannar u kien hemm qabża fl-iskali fejn minn kien skala 11, tela' 10 u 9 skont is-snin. Dan il-ftehim fisser żieda li ġiet għalissa kkalkulata approssivament ta' €10,000.

10.6.4 **Riżoluzzjoni 4**

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex tiġi organizzata attivita' Iffjurit bil-Ward Infewwaħ permezz tal-iskema SPI/SCI/2/2025 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026.

Din l-iskema ser tkopri sa massimu ta' €20,000. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas id-differenza tal-ispiża.

L-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività filwaqt li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%.

Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo

10.6.5 **Evalwazzjoni Tender Tabelli u Sinjali**

Saret l-evalwazzjoni tat-tender imsemmija fejn intefgħu biss żewġ offerti li kienu:

| | |
|---|---|
| B. Grima and Sons | € 35,600.63 |
| Koptasin | € 36,742.17 |

Din ingħatat lill-irħas offerent B. Grima and Sons.

10.6.6 **Ġemellaġġ/Jum Ħ'Attard**

Is-Sur Bartolo qal li din is-sena Jum Ħ'Attard se jkun iktar impenjattiv minħabba l-wasla Malta tat-taljani minn Pjazza Brembana u l-attendenza tal-President għal Jum Ħ'Attard. Il-programm hu lest imma bħalha spejjeż għalkemm ġejjin delegazzjoni ta' 13 se jieħdu ħsieb kollox huma ħlief li s-Sindku u d-delegazzjoni se jattendu Pasta Night il-Ħamis, 20 ta' Frar u s-Sindku Leone Gervasoni u l-viċi Sindku Bruno Paternoster se jattendu ċena il-Ġimgħa wara t-tħawwil ta' siġra fi Ġnien l-Istazzjon.

Jum Ħ'Attard se jkun is-Sibt,22 ta' Marzu fis-7 ta' filgħaxija. Is-Sur Bartolo spjega fit-tul u dettal il-programm tas-serata. Insista fuq in-nominazzjonijiet biex il-Kunsilliera jsibu nies denji għal dan il-ġieħ. Appella biex jiġi avżat il-kumitat Pierre Cauchi, Joseph Sciberras, Giorgio Mario Schembri, Charlie Camilleri, Norbert Gingell, Dr. Silvio Brincat u Victor Galea għal-laqgħa tat-18 ta' Marzu.

Quddiesa ssir il-Ħadd, 23 ta' Marzu fil-11am.

Nomini jagħlqu fit-3 ta' Marzu 2025.

Is-Sur Paul Ciantar ħalla l-kamra 6.56pm

## 10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

10.7.1 Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Sur Alex Mangion

L-iskedi ġew approvati.

## 10.8 Mozzjonijiet; u

10.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 10.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.9.1 -laqgħa ntemmet fis-7.58pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Marzu 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 20 ta' Marzu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |